EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

HELPING TO MAKE FUNDAMENTAL RIGHTS A REALITY FOR EVERYONE IN THE EUROPEAN UNION



# Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019

## Opinjonijiet tal-FRA

*Is-sena 2018 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.* Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 *tal-FRA jirrevedi żviluppi ewlenin f'dan il-qasam, filwaqt li jidentifika kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li għad fadal. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta l-opinjonijiet tal-FRA dwar l-iżviluppi ewlenin fl-oqsma tematiċi koperti u taqsira tal-evidenza li tappoġġja dawn l-opinjonijiet. Meta tagħmel dan, hija tipprovdi ħarsa ġenerali kompatta iżda informattiva tal-isfidi ewlenin tad-drittijiet fundamentali li qed tiffaċċja kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha.*

## Werrej


FOKUS 1 L-Implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-UE: kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali . . . 2
2 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri . . . 5
3 Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni . . . 6
4 Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata . . . 9
5 L-integrazzjoni tar-Rom . . . 11
6 Asil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni . . . 13
7 Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad-data . . . 15
8 Id-Drittijiet tat-Tfal . . . 17
9 Aċċess għall-ġustizzja inklużi d-drittijiet tal-vittmi ta' kriminalità . . . 19
10 Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità . . . 21

# FOKUS 1 L-Implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-UE: kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali

***Dan il-kapitolu jesplora l-interrelazzjoni bejn il-qafas tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Aġenda globali 2030 fil-kuntest tal-politiki interni tal-Istati Membri u tal-UE. Dan jiffoka fuq l-SDGs marbuta mat-tnaqqis tal-inugwaljanza (SDG 10) u l-promozzjoni tal-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom (SDG 16). Il-kapitolu jenfasizza l-importanza tal-ġbir ta'*** **data** ***diżaggregata dwar il-gruppi tal-popolazzjoni li diffiċli jintlaħqu biex jiġu żviluppati politiki bbażati fuq l-evidenza, immirati u li jkunu konformi mad-drittijiet li jgħinu jagħtu s-setgħa lil kulħadd, b'mod partikolari lil dawk li jinsabu fl-akbar riskju li jitħallew barra. Il-kapitolu jeżamina wkoll kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin isegwu l-impenn tagħhom li jinkorporaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fl-iżvilupp sostenibbli; iħares lejn l-għodod ta' koordinazzjoni tal-politika u l-istrumenti finanzjarji li jistgħu jgħinu jippromwovu l-implimentazzjoni tal-SDGs b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali; u jenfasizza l-importanza tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman, kif ukoll l-awtoritajiet lokali, il-komunitajiet tan-negozju u s-soċjetà ċivili, fl-integrazzjoni tad-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-SDGs.***

L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali huma komplementarji fl-objettiv ewlieni komuni tagħhom li jippromwovu l-benesseri tal-persuni kollha. Fil-waqt li l-SDGs jikkostitwixxu aġenda politika konkreta u globali mmirata biex tmexxi l-azzjonijiet tal-istati u ta' atturi oħrajn, inkluża l-UE, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali jikkostitwixxu qafas normattiv komprensiv li joħloq obbligi legali u obbligu ta' rendikont. L-SDGs huma bbażati fid-drittijiet tal-bniedem u fid-drittijiet fundamentali u jfittxu li jwettquhom. Fl-istess waqt, approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-SDGs qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex jippromwovi l-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp.

L-SDGs kollha għandhom dimensjoni diretta jew indiretta tad-drittijiet fundamentali u kollha huma interkonnessi. Madankollu, id-dimensjoni tad-drittijiet hija aktar prominenti f'xi wħud minnhom — bħall-SDG 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanza u l-SDG 16 dwar il-promozzjoni tal-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni u l-kejl tal-SDGs 10 u 16 jinvolvu wkoll l-implimentazzjoni u l-kejl tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali inkorporati fl-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, bħad-dritt għal dinjità tal-bniedem, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza quddiem il-liġi bejn in-nisa u l-irġiel, id-dritt għall-ħajja u l-integrità tal-persuna, id-dritt għas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, jew drittijiet marbuta mal-aċċess għall-ġustizzja.

Id-*data* pprovduta mill-Eurostat, li tinkludi d-*data* tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa, ikkomplementata b'*data* addizzjonali li nġabret u li ġiet analizzata mill-FRA dwar gruppi tal-popolazzjoni li diffiċli jintlaħqu, bħall-minoranzi etniċi jew reliġjużi, l-immigranti, jew il-persuni LGBTI, tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex l-SDGs jiġu implimentati b'mod sħiħ. L-inugwaljanza, b'mod partikolari l-inugwaljanza fl-introjtu, żdiedet fis-snin li għaddew. Għalkemm dan l-aħħar jidher li ż-żieda waqfet, iż-żieda ġenerali fl-inugwaljanza fl-introjtu wasslet għal sfidi kumplessi biex id-drittijiet fundamentali jitgawdew bl-istess mod, speċjalment għall-gruppi żvantaġġjati tal-popolazzjoni. Fl-istess waqt, id-diskriminazzjoni u l-fastidju, iżda anki l-vjolenza kontra l-persuni abbażi ta' raġunijiet diskriminatorji, kif ukoll il-vjolenza kontra

n-nisa, huma realtà għal parti sinifikanti tal-popolazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, tfaċċaw sfidi ġodda li għandhom jiġu rispettati għall-istat tad-dritt.

Biex jindirizzaw din ir-realtà u jiksbu l-SDGs f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali, l-UE u l-Istati Membri għandhom ċerti għodod għad-dispożizzjoni tagħhom, bħal leġiżlazzjoni robusta kontra d-diskriminazzjoni u firxa ta' politiki settorjali. Madankollu, għadha ma tressqitx b'mod formali strateġija ġenerali tal-UE għal żvilupp sostenibbli komprensiv ibbażat fuq id-drittijiet, bħal dik li ġiet proposta mill-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati tal-UE dwar l-SDGs għall-perjodu ta' wara l-2020. F'dan ir-rigward, kmieni fl-2019 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat dokument ta' riflessjoni, li fih introduċiet tliet xenarji possibbli għal tali strateġija sabiex jingħata bidu għad-dibattitu. Wara dan id-dokument ta' riflessjoni, f'April 2019 il-Kunsill tal-UE adotta l-Konklużjonijiet tiegħu "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli".

Mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u ta' koordinazzjoni tal-politiki, bħas-Semestru Ewropew, ukoll jistgħu jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-SDGs, filwaqt li jibbażaw fuq id-*data* mit-Tabelli ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja u Soċjali tal-UE. Madankollu, s'issa r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li ġew adottati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ma jqisux b'mod espliċitu la l-aġenda dwar l-SDGs u lanqas ir-rekwiżiti rilevanti tad-drittijiet fundamentali.

Għodda importanti oħra hija l-użu tal-Fondi tal-UE. Proposti riċenti mill-Kummissjoni Ewropea jorbtu l-finanzjament futur mill-UE fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid (baġit tal-UE) għall-perjodu 2021–2027 ma' kundizzjonalitajiet relatati mad-drittijiet ("kundizzjonijiet abilitanti"), bħar-rispett u l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet soluzzjonijiet biex jiġi protett il-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet iġġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jippromwovu l-SDGs u l-impenn ġenerali li ħadd ma jitħalla barra, jirrikjedu għarfien espert, kif ukoll *data* adegwata u diżaggregata. Tali *data* mhux dejjem tkun disponibbli. Barra minn hekk, anki meta tkun disponibbli, din mhux dejjem titqies.

Fil-livell nazzjonali, implimentazzjoni bbażata fuq id-drittijiet tal-SDGs tibbenefika minn involviment aktar strutturat u sistematiku tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman, il-gvern lokali, is-sħab soċjali, in-negozji u s-soċjetà ċivili fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ tal-SDGs, kif ukoll fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-Finanzjament mill-UE. Tali involviment jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u għalhekk għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDG dwar il-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom (SDG 16).

Barra minn hekk, il-kontribut potenzjali tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman fil-ġbir u fl-analiżi ta' *data* relatata mal-SDGs u mad-drittijiet fundamentali għall-gruppi tal-popolazzjoni li diffiċli jintlaħqu fil-biċċa l-kbira tiegħu għadu mhux qed jiġi sfruttat. F'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u filwaqt li jibbażaw fuq ix-xogħol tagħhom ta' kuljum, kif ukoll fuq l-għarfien espert u l-assistenza teknika tal-FRA f'dan il-qasam, dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali f'dan ir-rigward.

## L-opinjoni tal-FRA 1.1

*L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiżguraw li kwalunkwe strateġija futura tal-UE għat-tkabbir sostenibbli tirrifletti, kif ikun xieraq, l-SDGs u l-miri kollha stabbiliti mill-Aġenda globali 2030, inkluż l-SDG dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanza (SDG 10) u l-SDG dwar il-promozzjoni tal-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom (SDG 16). Tali strateġija għandha tippromwovi l-integrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-SDGs, filwaqt li tirrikonoxxi r-rabtiet mill-qrib bejn is-17-il SDG u d-drittijiet fundamentali kollha, kif inkorporat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw approċċ simili meta jkunu qed ifasslu jew jirrevedu l-istrateġiji ta' żvilupp sostenibbli jew il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom.*

## L-opinjoni tal-FRA 1.2

*Iċ-ċiklu tal-politika tas-Semestru Ewropew tal-UE, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li jirriżultaw, għandhom iqisu l-Aġenda globali 2030 u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, kif ukoll l-obbligi rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-rigward, pereżempju, fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jistgħu jinkludu r-rabtiet bejnhom u bejn l-implimentazzjoni ta' SDGs speċifiċi u r-rispett tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tal-UE.*

### L-opinjoni tal-FRA 1.3

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jinvolvu lis-soċjetà ċivili fil-manifestazzjoniet kollha tagħha u fil-livelli kollha tagħha fit-twassil tal-SDGs. F'dan ir-rigward, dawn jistgħu jikkunsidraw il-mudell tal-pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati ta' livell għoli tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli bħala eżempju ta' ispirazzjoni. Barra minn hekk, dawn jistgħu jikkunsidraw jistiednu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu involuti b'mod attiv fl-attivitajiet ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ tal-SDGs, kif ukoll jieħdu miżuri biex jagħtuhom is-setgħa permezz ta' taħriġ u finanzjament abbażi ta' pjan direzzjonali konkret għall-implimentazzjoni tagħhom.*

### L-opinjoni tal-FRA 1.4

*Il-leġiżlatur tal-UE għandu jadotta l-kundizzjoni abilitanti l-ġdida li tkopri l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif stabbilit fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li ġie propost mill-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 li jmiss. Tali forma msaħħa tal-kundizzjonalità tipprovdi mezz addizzjonali biex tiġi promossa implimentazzjoni bbażata fuq id-drittijiet tal-SDGs. Bħala mezz kif jippromwovu l-kisba ulterjuri tal-SDG dwar il-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom (SDG 16), l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikomplu d-diskussjoni u jsegwu l-objettiv li jipproteġu l-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet iġġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.*

### L-opinjoni tal-FRA 1.5

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza jew l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programmi ffinanzjati mill-UE, u fil-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs. Kif enfasizzat diversi drabi l-FRA, f'dan ir-rigward l-Istati Membri għandhom jipprovdulhom riżorsi u assistenza adegwati biex jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jwettqu dawn il-kompiti.*

### L-opinjoni tal-FRA 1.6

*L-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw ukoll id-**data** statistika kollha disponibbli u evidenza oħra disponibbli dwar id-diskriminazzjoni u l-vjolenza jew il-fastidju mmotivati mill-preġudizzju, kif ukoll id-**data** dwar il-vjolenza kontra n-nisa, biex jikkomplementaw ir-rapportar tagħhom dwar indikaturi rilevanti tal-SDGs, inklużi d-**data** u l-evidenza pprovduti mill-FRA. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jiddiżaggregaw id-**data** rilevanti għall-implimentazzjoni tal-SDGs, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli u li diffiċli jintlaħqu tal-popolazzjoni, biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla barra. F'dan ir-rigward, dawn għandhom jikkonsultaw id-**data** tal-FRA biex jidentifikaw jekk din id-**data** tistax iżżid u tipprovdi diżaggregazzjoni lir-rapportar u lill-monitoraġġ nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika mal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza jew l-istituzzjonijiet tal-Ombudsman. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll l-assistenza teknika esperta u l-gwida tal-FRA f'dan il-qasam.*

# 2 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri

***Fl-2018, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kienet fis-seħħ bħala l-abbozz ta' liġi legalment vinkolanti tad-drittijiet tal-UE għad-disa' sena. Din tikkomplementa l-kostituzzjonijiet nazzjonali u l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). Bħal fis-snin preċedenti, ir-rwol u l-użu tal-Karta fil-livell nazzjonali baqgħu ambivalenti. Il-qrati nazzjonali użaw il-Karta. Għalkemm ħafna referenzi għall-Karta kienu superfiċjali, diversi deċiżjonijiet tal-qrati juru li l-Karta tista' żżid il-valur u tagħmel differenza. Il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-proċeduri ta' skrutinju leġiżlattiv f'għadd ta' Stati Membri wkoll użaw il-Karta. Madankollu, dan kien ferm differenti milli jkun sistematiku u deher li kien l-eċċezzjoni aktar milli r-regola. Barra minn hekk, il-politiki governattivi mmirati biex jippromwovu l-applikazzjoni tal-Karta dehru li baqgħu eċċezzjonijiet rari ħafna, minkejja li l-Artikolu 51 tal-Karta jobbliga lill-istati "jippromwovu" b'mod proattiv l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha. L-għaxar anniversarju tal-Karta fl-2019 jipprovdi opportunità biex tingħata spinta politika akbar biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Karta.***

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE daħlet fis-seħħ disa' snin ilu biss. L-Istati Membri tal-UE huma obbligati jirrispettaw kemm id-drittijiet tal-Karta kif ukoll "jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom" (l-Artikolu 51 tal-Karta). Madankollu, l-evidenza disponibbli u l-konsultazzjonijiet tal-FRA jissuġġerixxu li hemm nuqqas ta' politiki nazzjonali li jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Karta. L-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja — inklużi dawk fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, fil-ġudikatura u fil-parlamenti nazzjonali — għandhom rwol ċentrali x'jaqdu fl-implimentazzjoni tal-Karta. Għalkemm il-ġudikatura tuża l-Karta, din tidher li hija anqas magħrufa fil-fergħat l-oħra tal-gvern. Abbażi tal-evidenza li nġabret f'dan ir-rapport u f'konformità mal-Opinjoni 4/2018 tagħha dwar "L-isfidi u l-oportunitajiet għall-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali", l-FRA tifformula l-opinjonijiet li ġejjin.

### L-opinjoni tal-FRA 2.1

*L-Istati Membri tal-UE għandhom iniedu inizjattivi u politiki mmirati biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali, sabiex il-Karta tkun tista' taqdi rwol sinifikanti kull fejn tapplika. Tali inizjattivi u politiki għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza, idealment billi jibnu fuq valutazzjonijiet regolari dwar l-użu u s-sensibilizzazzjoni tal-Karta fix-xenarju nazzjonali.*

*B'mod aktar speċifiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li b'mod regolari jiġu offruti moduli tat-taħriġ immirati u bbażati fuq il-ħtiġijiet dwar il-Karta u l-applikazzjoni tagħha lill-imħallfin nazzjonali u lil operaturi oħra fil-qasam tal-ġustizzja b'mod li jissodisfa d-domanda u jiggarantixxi x-"xiri sfurzat".*

### L-opinjoni tal-FRA 2.2

*L-Istati Membri tal-UE għandu jkollhom l-għan li jintraċċaw l-użu reali tal-Karta fil-ġurisprudenza nazzjonali u fil-proċeduri leġiżlattivi u regolatorji, bl-għan li jidentifikaw in-nuqqasijiet u l-ħtiġijiet konkreti għal implimentazzjoni aħjar tal-Karta fil-livell nazzjonali. Pereżempju, l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu r-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom dwar l-iskrutinju legali u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-abbozzi ta' liġijiet mill-perspettiva tal-Karta. Tali proċeduri għandhom jagħmlu referenza esplicita għall-Karta, proprju kif jagħmlu għall-istrumenti nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, biex inaqqsu kemm jistgħu r-riskju li l-Karta tiġi injorata.*

# 3 Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

***Fis-sena 2018 kien hemm progress imħallat fir-rigward tal-istrumenti legali u politiċi tal-UE biex jiġu promossi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Filwaqt li l-Kunsill tal-UE kien għadu ma adottax id-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali wara 10 snin ta' negozjati, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strumenti finanzjarji tal-UE fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid tal-UE li jappoġġjaw il-politiki kontra d-diskriminazzjoni fil-livell tal-UE u nazzjonali. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll Rakkomandazzjoni dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza, fejn ipprovdiet gwida utli dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. L-UE kompliet tinvolvi ruħha mal-Istati Membri biex tappoġġja l-isforzi tagħhom biex javvanzaw l-ugwaljanza tal-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneru, intersesswali (LGBTI), u diversi Stati Membri introduċew miżuri legali u politiċi għal dak il-għan. Il-projbizzjonijiet fuq l-ilbies u s-simboli reliġjużi komplew jikkawżaw kontroversji. Sadanittant, l-UE u l-Istati Membri ħadu diversi passi biex isaħħu l-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza, u firxa ta' studji u stħarriġ li ġew ippubblikati fl-2018 ipprovdew evidenza dwar il-livell u l-forom ta' diskriminazzjoni li l-persuni jesperjenzaw fl-UE.***

Il-qafas legali attwali tal-UE jipprovdi protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-ġeneru u l-oriġini razzjali jew etnika fl-oqsma ewlenin tal-ħajja. Madankollu, dan bħalissa joffri protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali biss fil-qasam tal-impjieg u l-okkupazzjoni. Sa tmiem l-2018, wara 10 snin ta' negozjati, il-Kunsill tal-UE kien għadu ma adottax id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali, li testendi din il-protezzjoni għall-oqsma tal-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għal merkanzija u servizzi, u l-provvista tagħhom, inkluża l-abitazzjoni. Dan ifisser li d-dritt tal-Unjoni jipproteġi individwu li jkun qed jiffaċċja diskriminazzjoni, pereżempju, fil-qasam tal-abitazzjoni jekk id-diskriminazzjoni tkun fuq bażi ta' diskriminazzjoni razzjali jew etnika, iżda mhux jekk tkun fuq raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali jew raġunijiet oħra. Dan jirriżulta f'ġerarkija artifiċjali ta' raġunjiet fi ħdan l-UE, fejn xi wħud minnhom ikunu aktar protetti minn oħrajn.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jqis li l-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu, skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu azzjoni xierqa biex jiġġieled id-diskriminazzjoni fuq bażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

**L-opinjoni tal-FRA 3.1**

*Fid-dawl tal-evidenza enormi ta' diskriminazzjoni fuq bażijiet differenti f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għall-merkanzija u s-servizzi, inkluża l-abitazzjoni, il-leġiżlatur tal-UE għandu jżid l-isforzi tiegħu biex tiġi adottata d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali. Dan jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE toffri protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-ħajja, inkluż fuq bażi ta' reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali.*

Id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi fuq bażijiet differenti għadhom realtajiet fil-ħajja ta' kuljum fl-UE kollha, kif jikkonfermaw is-sejbiet tal-istħarriġ tal-FRA u diversi studji nazzjonali li ġew ippubblikati fl-2018. Dawn is-sejbiet juru b'mod konsistenti wkoll li l-persuni li jesperjenzaw id-diskriminazzjoni rari jirrapportawha. L-aktar raġuni komuni li ssemmiet għal dan in-nuqqas ta' rapportar hija t-twemmin li xejn ma jinbidel bħala riżultat.

Fid-dawl ta' din l-evidenza, jista' jiġi nnotat li skont id-dispożizzjonijiet tagħhom dwar l-azzjoni pożittiva, kemm id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali kif ukoll id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg

jistipulaw li biex tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika, il-prinċipju tat-trattament indaqs m'għandu jipprevjeni lil ebda Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi biex jipprevjeni jew jikkumpensa għal żvantaġġi marbuta ma' xi waħda mir-raġunijiet protetti.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-direttivi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jistabbilixxu wkoll korpi għall-promozzjoni tat-trattament indaqs. Dawn għandhom il-kompitu li jipprovdu assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, iwettqu riċerka dwar id-diskriminazzjoni u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni. L-Istati Membri kollha tal-UE waqqfu korpi tal-ugwaljanza bħal dawn. Madankollu, diversi rapporti dwar il-pajjiżi tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) u tal-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali (CERD) li ġew ippubblikati fl-2018 esprimew tħassib fir-rigward tal-effettività, l-indipendenza u l-adegwatezza tar-riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi tal-korpi tal-ugwaljanza mmonitorjati.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza u r-Rakkomandazzjoni tal-Politika Ġenerali Nru 2 riveduta tal-ECRI pprovdiet gwida komprensiva dwar kif il-mandati, l-istrutturi u l-mezzi tal-korpi tal-ugwaljanza jistgħu jissaħħu biex tiżdied l-effettività tagħhom.

### L-opinjoni tal-FRA 3.2

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv u indipendenti l-kompiti mogħtija lilhom fil-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni tal-UE. Dan jinvolvi li jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jiġu allokati biżżejjed riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Politika Ġenerali Nru 2 riveduta tal-ECRI.*

### L-opinjoni tal-FRA 3.3

*F'konformità mal-prinċipju tat-trattament indaqs u mad-direttivi dwar l-ugwaljanza tal-UE, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw jintroduċu miżuri biex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi marbuta ma' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet protetti. Tali żvantaġġi jistgħu jiġu identifikati permezz tal-analiżi tad-***data** *dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-ħajja, li għandha tinġabar b'mod sistematiku fl-UE.*

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat it-tieni rapport annwali tagħha dwar il-lista ta' azzjonijiet biex l-ugwaljanza LGBTI tavvanza u kkonfermat id-dedikazzjoni tagħha biex il-lista tiġi implimentata b'suċċess. Permezz ta' għadd ta' gruppi ta' livell għoli u gruppi ta' ħidma, il-Kummissjoni tappoġġja l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex javvanzaw l-ugwaljanza LGBTI.

Il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura li l-individwi LGBTI u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu u jingħataw informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar ir-rikonoxximent tad-drittijiet transkonfinali għall-persuni LGBTI u l-familji tagħhom fl-UE.

Għadd ta' Stati Membri ħadu wkoll azzjoni biex javvanzaw l-ugwaljanza LGBTI u introduċew bidliet legali u miżuri politiċi rilevanti matul is-sena. Dawn involvew l-istatus tal-familji b'ġenituri tal-istess sess; proċeduri simplifikati għal bidla fis-sess abbażi ta' awtodeterminazzjoni; u t-twaqqif ta' interventi kirurġiċi mhux meħtieġa fuq tfal intersesswali. F'diversi Stati Membri, il-qrati wittew it-triq għal żviluppi leġiżlattivi jew żguraw l-infurzar xieraq tagħhom.

### L-opinjoni tal-FRA 3.4

*L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jkomplu jadottaw u jimplimentaw miżuri speċifiċi biex jiżguraw li l-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI) ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mid-drittijiet fundamentali kollha tagħhom disponibbli skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jużaw il-lista ta' azzjonijiet biex javvanzaw l-ugwaljanza tal-LGBTI li ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea biex tmexxi l-isforzi tagħhom.*

Bħal fis-snin preċedenti, fl-2018 ir-restrizzjonijiet fuq l-ilbies u s-simboli reliġjużi fuq il-post tax-xogħol jew f'postijiet pubbliċi komplew isawru d-dibattiti fl-UE. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE jiġġustifikaw tali liġijiet bl-intenzjoni li jippreservaw in-newtralità, jew bħala mod kif jiffaċilitaw l-interazzjoni soċjali u l-koeżistenza, għad hemm diffikultà biex jintlaħaq il-bilanċ bejn il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin u għanijiet leġittimi oħra li jiġu

segwiti f'soċjetà demokratika. Dawn ir-restrizzjonijiet jaffettwaw b'mod partikolari lin-nisa Musulmani. L-infurzar ta' tali liġijiet joffri sfida b'mod partikolari fl-oqsma fejn ma jkun hemm l-ebda linja ddefinita b'mod ċar bejn l-isfera pubblika u privata, u l-mod kif il-qrati jittrattaw il-pretensjonijiet dwar id-diskriminazzjoni f'dan il-kuntest ivarja madwar l-UE.

L-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxi d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon ta' kulħadd. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin u l-libertà li juri r-reliġjon jew it-twemmin fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza, waħdu jew f'komunità ma' oħrajn. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' reliġjon jew twemmin.

### L-opinjoni tal-FRA 3.5

***L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li kwalunkwe restrizzjoni legali fuq is-simboli jew l-ilbies assoċjati mar-reliġjon tikkonforma b'mod sħiħ mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Kwalunkwe proposta leġiżlattiva jew amministrattiva li tippreżenta r-riskju li tillimita l-libertà li wieħed jesprimi r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu għandha tinkorpora kunsiderazzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali u tirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità.***

Id-*data* dwar l-ugwaljanza, li tinftiehem bħala kwalunkwe biċċa informazzjoni li hija utli biex jiġi deskritt u analizzat l-istat tal-ugwaljanza, hija indispensabbli biex jitjiebu l-politiki kontra d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-evidenza, jiġu mmonitorjati t-tendenzi u tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanzi fl-Impjieg, kull ħames snin l-Istati Membri tal-UE jridu jikkomunikaw l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tfassal rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dawn id-direttivi. L-obbligu ta' komunikazzjoni li jmiss huwa mistenni fl-2020.

Is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza stabbilit skont il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità identifika għadd ta' sfidi komuni li jaffettwaw id-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data* dwar l-ugwaljanza fl-Istati Membri. Dawn l-isfidi jinkludu n-nuqqas ta' approċċ ikkoordinat għall-ġbir u għall-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza, l-identifikazzjoni mhux kompluta tal-gruppi tal-popolazzjoni li qegħdin f'riskju ta' diskriminazzjoni minħabba dipendenza żejda fuq il-prokuri, u konsultazzjoni insuffiċjenti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-ġbir tad-*data*. Il-11-il linja gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza li tħejjew mis-sottogrupp joffru gwida konkreta dwar kif jiġu indirizzati dawn l-isfidi fil-livell nazzjonali. Għalkemm il-linji gwida tħejjew għall-Istati Membri, b'analoġija dawn jistgħu jiġu applikati wkoll fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE biex jissaħħaħ il-monitoraġġ tad-diversità.

### L-opinjoni tal-FRA 3.6

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw approċċ ikkoordinat għall-ġbir tad-**data** dwar l-ugwaljanza u jiżguraw li **data** affidabbli, valida u komparabbli tiġi diżaggregata skont il-karatteristiċi protetti, abbażi tal-awtoidentifikazzjoni u f'konformità mal-prinċipji u mas-salvagwardji stabbiliti skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-**Data**. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq il-linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-**data** dwar l-ugwaljanza li ġew adottati mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità. Bħala pass ulterjuri, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għandhom jikkunsidraw japplikaw dawn il-linji gwida fi ħdan l-istrutturi tagħhom stess.*

# 4 Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata

***Wara 18-il sena mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u 10 snin wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, il-persuni bi sfondi ta' minoranza u l-migranti għadhom jiffaċċjaw fastidju b'mod mifrux, diskriminazzjoni strutturali u tfassil ta' profili etniċi ta' preġudizzju u diskriminatorji persistenti madwar l-UE, kif juru s-sejbiet tal-istħarriġ tal-2018 tal-FRA u r-rapporti tal-korpi tad-drittijiet tal-bniedem. Diversi Stati Membri għadhom ma inkorporawx b'mod korrett u sħiħ id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fil-liġi nazzjonali. Fl-2018, 15-il Stat Membru biss kellhom fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji mmirati biex jiġġieldu kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni etnika.***

L-Artikolu 4(a) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD) jobbliga lill-Istati Parti sabiex jiddikjaraw li l-inċitament għal diskriminazzjoni razzjali u għal atti ta' vjolenza kontra kull razza jew grupp ta' persuni huma reati punibbli bil-liġi. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija jiddeskrivi l-miżuri li l-Istati Membri għandhom jieħdu biex jikkastigaw imġiba razzista u ksenofobika intenzjonata. L-Artikolu 4 jirrikjedi wkoll li l-motivazzjoni fuq preġudizzju titqies bħala ċirkostanza aggravanti jew titqies mill-qrati fid-determinazzjoni tal-pieni li għandhom jiġu imposti fuq it-trasgressuri. Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tirrikjedi li l-vittmi ta' reati ta' mibegħda jirċievu valutazzjoni individwali biex jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' appoġġ u ta' protezzjoni speċifiċi tagħhom (l-Artikolu 22). L-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tinvolvi l-iżgurar li l-pulizija jidentifikaw il-vittmi ta' reati ta' mibegħda u jirreġistraw il-motivazzjoni razzista fil-mument tar-rapportar.

Fl-2018, id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA baqgħet is-sors ewlieni biex jiġu mifhuma l-prevalenza u l-forom tal-vittimizzazzjoni ta' mibegħda f'ħafna Stati Membri tal-UE u madwar l-UE. Il-fastidju u l-vjolenza fuq bażi ta' razziżmu huma okkorrenzi komuni fl-UE li għadhom ma jidhrux fl-istatistika uffiċjali, u l-Istati Membri huma nieqsa mill-għodod u mill-ħiliet biex jirreġistraw ir-reati ta' mibegħda b'mod xieraq u sistematiku, kif sabu kemm l-istħarriġ tal-2018 tal-FRA dwar il-vittimizzazzjoni tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana kif ukoll tal-persuni Lhud.

### L-opinjoni tal-FRA 4.1

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li kull każ ta' allegat reat ta' mibegħda, inklużi forom illegali ta' diskors ta' mibegħda, jiġi effettivament irreġistrat, investigat, imħarrek u ġġudikat. Dan jeħtieġ li jsir f'konformità mad-dritt nazzjonali, tal-Unjoni, Ewropew u internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu aktar sforzi biex b'mod sistematiku jirreġistraw, jiġbru u jippubblikaw kull sena* ***data*** *dwar reati ta' mibegħda sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw reazzjonijiet legali u ta' politika effettivi bbażati fuq l-evidenza għal dan il-fenomenu. Kwalunkwe* ***data*** *għandha tinġabar f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali u mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-****data*** *tal-UE.*

L-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jenfasizza l-importanza tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni biex jiġi żgurat li l-persuni kkonċernati jkunu jafu bid-dritt tagħhom għal trattament indaqs. Barra minn hekk, l-Artikolu 13 tad-Direttiva jistabbilixxi l-obbligu li jinħatru korpi nazzjonali għall-promozzjoni tat-trattament indaqs; dawn għandhom il-kompiti li jipprovdu assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, iwettqu riċerka dwar id-diskriminazzjoni, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni. Madankollu, il-membri ta' gruppi ta' minoranzi etniċi għandhom it-tendenza li jkollhom sensibilizzazzjoni limitata ħafna dwar il-korpi tal-ugwaljanza, u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-inċidenti ta' diskriminazzjoni ma jiġux irrapportati, kif tindika l-evidenza li nġabret mill-FRA.

### L-opinjoni tal-FRA 4.2

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, kif mogħtija mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, billi jappoġġjawhom fis-sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-eżistenza tagħhom, dwar ir-regoli kontra d-diskriminazzjoni li hemm fis-seħħ, u dwar modi kif ifittxu rimedju. Dan jista' jgħin isaħħaħ ir-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza fil-faċilitazzjoni tar-rapportar ta' diskriminazzjoni etnika u razzjali mill-vittmi.*

Fl-2018, 15-il Stat Membru biss tal-UE kellhom pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ddedikati fis-seħħ biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni razzjali, ir-razziżmu u l-ksenofobija. Id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban tan-Nazzjonijiet Uniti li jirriżultaw mill-Konferenza Dinjija kontra r-Razziżmu, id-Diskriminazzjoni Razzjali, il-Ksenofobija u Intolleranza Relatata jenfasizzaw ir-responsabbiltà primarja tal-Istati Parti li jiġġieldu kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. Il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħrajn ta' intolleranza jipprovdi lill-Istati Membri b'forum għal skambju ta' prattiki biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' suċċess ta' pjanijiet ta' azzjoni bħal dawn.

### L-opinjoni tal-FRA 4.3

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ddedikati biex jiġġieldu kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jibbażaw fuq il-gwida prattika offruta mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar kif jiżviluppaw tali pjanijiet. F'konformità ma' din il-gwida, tali pjanijiet ta' azzjoni jistabbilixxu għanijiet u azzjonijiet, jassenjaw korpi statali responsabbli, jistabbilixxu dati fil-mira, jinkludu indikaturi ta' prestazzjoni, u jipprovdu mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. L-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet tipprovdi lill-Istati Membri tal-UE b'mezz effettiv kif jiżguraw li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija.*

Il-membri ta' gruppi ta' minoranzi etniċi għadhom jiffaċċjaw tfassil ta' profili etniċi diskriminatorju mill-pulizija, kif juru l-evidenza mill-EU-MIDIS II u s-sejbiet tar-riċerka f'għadd ta' Stati Membri. Dan it-tfassil tal-profili jista' jnaqqas il-fiduċja tagħhom fl-infurzar tal-liġi. Din il-prattika tmur kontra l-prinċipji tal-ICERD u standards internazzjonali oħrajn, inklużi dawk inkorporati fil-KEDB u fil-ġurisprudenza relatata tal-QEDB, kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

### L-opinjoni tal-FRA 4.4

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżviluppaw gwida speċifika, prattika u li tkun lesta għall-użu biex jiżguraw li l-uffiċjali tal-pulizija ma jwettqux tfassil ta' profili etniċi diskriminatorju fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom. Kif ġie nnutat fil-gwida tal-FRA dwar il-prevenzjoni tat-tfassil ta' profili illegali, tali gwida għandha tiġi ppubblikata wkoll mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jew tiġi inkluża fil-proċeduri operattivi standard tal-pulizija jew f'kodiċijiet tal-kondotta għall-uffiċjali tal-pulizija. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw b'mod sistematiku tali gwida lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi l-aktar esposti.*

# 5 L-integrazzjoni tar-Rom

***Ir-Rom għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni minħabba l-etniċità tagħhom fl-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa u l-abitazzjoni. Ir-rapporti ta' diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda komplew fl-2018, li kkonfermaw li l-anti-Żingariżmu għadu ostaklu importanti għall-inklużjoni tar-Rom. Ma kienx hemm bidla kbira fis-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tar-Rom madwar l-UE, kif turi d-data tal-FRA. Dan idgħajjef l-isforzi tal-UE u nazzjonali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-Għan 10 fir-rigward tat-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-pajjiżi, u b'mod aktar speċifiku l-Mira 10.3 tiegħu biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u jitnaqqsu l-inugwaljanzi tal-eżiti. L-edizzjoni tal-2018 tar-rapport ta' monitoraġġ tal-Eurostat dwar il-progress lejn l-SDGs fl-UE ma tinkludi l-ebda referenza għall-eżiti tal-inklużjoni tar-Rom jew għad-data rilevanti li ġiet prodotta mill-FRA, minkejja r-rilevanza kbira tal-monitoraġġ ta' għadd ta' għanijiet speċifikament għar-Rom (b'mod partikolari l-Għanijiet 1, 4, 6 u 8). Tali monitoraġġ ikollu rilevanza politika espliċita, meta titqies l-eżistenza, mill-2011, ta' Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni relatata tal-Kunsill tal-2013.***

Madwar l-UE għad m'hemmx fis-seħħ b'mod sistematiku miżuri konkreti biex jiġu indirizzati l-anti-Żingariżmu u d-diskriminazzjoni mifruxa kontra r-Rom, u dawn lanqas mhuma prijorità ewlenija fl-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u fil-politiki relatati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. Ftit strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom jindirizzaw id-diskriminazzjoni bħala prijorità distinta. L-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom ta' ħafna Stati Membri ma jagħmlu l-ebda referenza espliċita għall-anti-Żingariżmu. Huma meħtieġa sforzi aktar qawwija biex id-diskriminazzjoni u l-anti-Żingariżmu jiġu indirizzati b'mod aktar konkret u sistematiku biex jissaħħu l-proċessi tal-inklużjoni soċjali u jitjiebu l-eżiti tal-integrazzjoni.

### L-opinjoni tal-FRA 5.1

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom tagħhom u jirrikonoxxu l-anti-Żingariżmu bħala forma ta' razziżmu, li jista' jwassal għal forom ta' diskriminazzjoni strutturali. L-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom jispeċifikaw liema mill-miżuri ġenerali tagħhom kontra d-diskriminazzjoni jindirizzaw l-anti-Żingariżmu b'mod espliċitu u kif jagħmlu dan. Miżuri speċifiċi għandhom jindirizzaw kemm lir-Rom — pereżempju, permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni jew il-faċilitazzjoni tal-aċċess għal rimedju legali — kif ukoll lill-pubbliku ġenerali — pereżempju, permezz ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni, is-segregazzjoni u l-persekuzzjoni storiċi tar-Rom.*

Huma verament ftit ir-Rom li esperjenzaw fastidju jew vjolenza instigata mill-mibegħda li jirrapportaw dawn l-inċidenti lil xi organizzazzjoni, inkluż lill-pulizija, kif turi d-*data* tal-FRA. Il-miżuri biex tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni fir-rigward tar-Rom baqgħu dgħajfa fl-2018. Hemm sfidi kbar biex jitjiebu u jissaħħu l-liġijiet li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni kontra r-Rom. Fil-qiċċata tal-lista hemm nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet mir-Rom, u nuqqas ta' fehim tal-isfidi li qed jiffaċċjaw ir-Rom mill-istituzzjonijiet. In-nuqqas ta' monitoraġġ regolari tad-diskriminazzjoni u ta' rapportar ta' reati ta' mibegħda fil-livell nazzjonali għadu problema wkoll, peress li huwa diffiċli li jiġi identifikat il-livell ta' anti-Żingariżmu u ta' diskriminazzjoni mingħajr *data* jew evidenza. Madwar l-Istati Membri tal-UE, setgħu jiġu identifikati biss ftit eżempji ta' rapportar tal-inċidenti u ta' ġbir tad-*data* dwar l-anti-Żingariżmu.

### L-opinjoni tal-FRA 5.2

*Biex jindirizzaw ir-rapportar limitat tad-diskriminazzjoni u tal-anti-Żingariżmu lill-awtoritajiet, l-Istat Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jikkooperaw mal-korpi tal-ugwaljanza kif ukoll mal-istituzzjonijiet tal-Ombudsman u mal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jgħin biex jiġu żviluppati azzjonijiet li jrawmu ambjent fejn ir-Rom, bħan-nies l-oħra kollha, iħossuhom kunfidenti biex jirrapportaw inċidenti ta' trattament diskriminatorju, inkluż tfassil ta' profili etniċi diskriminatorju, fl-għarfien li l-awtoritajiet kompetenti se jittrattaw l-ilmenti tagħhom b'mod serju u jsegwuhom. Tali azzjonijiet jistgħu*

*jinkludu, pereżempju, proċeduri ta' referenza ta' rapportar ta' parti terza, li jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mal-infurzar tal-liġi sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tar-reati ta' mibegħda u tad-diskriminazzjoni.*

Fl-2018, l-istituzzjonijiet tal-UE u s-soċjetà ċivili tar-Rom komplew jenfasizzaw l-importanza tal-parteċipazzjoni sinifikanti tar-Rom, speċjalment fil-livell lokali, għal implimentazzjoni aktar effettiva tal-politiki tal-inklużjoni u biex jinkisbu eżiti sostenibbli kif meħtieġ mill-Aġenda globali 2030. Fl-"*Evaluation of the EU Framework for National Roma Integration Strategies up to 2020*" (Evalwazzjoni tal-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020), il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat l-involviment tal-komunità, filwaqt li enfasizzat ukoll li l-parteċipazzjoni tar-Rom tista' tgħin biex jiġu identifikati l-prijoritajiet tal-finanzjament. B'mod importanti, is-sejbiet tal-evalwazzjoni jaqblu mar-riċerka tal-FRA fil-livell lokali, li tenfasizza kif l-interazzjonijiet u l-involviment fil-livell tal-komunità jistgħu jkunu għodda importanti biex jiffaċilitaw relazzjonijiet aktar pożittivi tal-komunità, itaffu t-tensjonijiet possibbli bejn ir-Rom u dawk li mhumiex Rom, u fl-aħħar nett jiġġieldu kontra l-anti-Żingariżmu billi jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-isterjotipi u għall-eliminazzjoni ta' mġiba diskriminatorja. Tali involviment fil-livell tal-komunità għandu l-potenzjal li jagħti spinta lill-effettività tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej billi jirrifletti l-prijoritajiet tal-komunitajiet u billi jibdel il-proċess tal-implimentazzjoni tagħhom fi proċess ġenwinament inklużiv.

## L-opinjoni tal-FRA 5.3

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom jew settijiet ta' miżuri politiċi biex jippromwovu approċċ parteċipatorju għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet għall-inklużjoni tar-Rom, speċjalment fil-livell lokali, u biex jappoġġjaw l-isforzi mmexxija mill-komunità. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u sorsi oħrajn ta' finanzjament għandhom jintużaw sabiex tiġi promossa u ffaċilitata l-parteċipazzjoni tar-Rom u proġetti ta' integrazzjoni mmexxija mill-komunità. Il-ftehimiet ta' sħubija ulterjuri għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' finanzjament mill-UE għandhom jinkludu b'mod espliċitu l-parteċipazzjoni tar-Rom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-investiment rilevanti fuq l-inklużjoni tar-Rom fil-livell lokali.*

# 6 Asil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni

***Hekk kif in-numri taċ-ċaqliq tal-popolazzjoni baqgħu għoljin, il-wasliet fl-Unjoni Ewropea (UE) komplew jonqsu. It-tentattivi biex jinqasam il-Baħar Mediterran baqgħu fatali, fejn fl-2018 kien hemm stima ta' 2,299 fatalità. L-allegazzjonijiet ta'* refoulement *u ta' trattament ħażin tal-pulizija fil-konfront tal-migranti u tar-rifuġjati ppersistew. F'Ġunju, il-mexxejja Ewropej talbu li jkun hemm approċċ komprensiv għall-migrazzjoni, b'enfasi qawwija fuq it-tneħħija tal-migrazzjoni irregolari, inklużi l-movimenti mhux awtorizzati fl-UE. Ġew introdotti, kif ukoll żviluppati aktar, diversi sistemi tal-IT fuq skala kbira — li l-biċċa l-kbira minnhom jinvolvu l-ipproċessar ta'* data *bijometrika. Sadanittant, l-integrazzjoni tar-rifjuġjati li waslu fl-2015–2016 għamlet progress minkejja diversi ostakli.***

L-Artikoli 18 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxu d-dritt għall-asil u jipprojbixxu r-*refoulement*. L-Artikolu 6 jinkorpora d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà. Skont id-dritt internazzjonali tal-baħar, il-persuni li jiġu salvati fil-baħar iridu jittieħdu f'post ta' sigurtà. "Sigurtà" tfisser ukoll protezzjoni minn persekuzzjoni jew minn ħsara serja oħra. Fl-2018, nuqqasijiet ta' qbil bejn l-Istati Membri tal-UE dwar fejn id-dgħajjes tas-salvataġġ għandhom jittrakkaw irriżultaw f'migranti li tħallew jistennew fuq il-baħar għal jiem sħaħ, xi drabi anki ġimgħat. Xi Stati Membri komplew iżommu faċilitajiet fil-fruntieri tagħhom, li fihom jinżammu l-applikanti għall-asil waqt li l-awtoritajiet jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-asil. Sadanittant, żdiedu r-rapporti ta' ksur tal-prinċipju ta' *non-refoulement*, bl-istess mod kif żdiedu r-rapporti ta' vjolenza tal-pulizija fil-fruntieri.

**L-opinjoni tal-FRA 6.1**

*L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u mal-pajjiżi terzi biex jiżguraw żbark sigur, rapidu u prevedibbli għall-migranti u għar-rifuġjati li jiġu salvati fil-baħar, f'konformità mal-prinċipju ta'* **non-refoulement**. *Kull ċentru tal-ipproċessar stabbilit fl-UE jrid jikkonforma b'mod sħiħ mad-dritt għal-libertà u għas-sigurtà stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta u jinkludi salvagwardji adegwati biex jiżgura li l-proċeduri tal-asil u tar-ritorn ikunu ġusti. L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-miżuri preventivi kontra l-imġiba abbużiva mill-infurzar tal-liġi u jinvestigaw b'mod effettiv l-allegazzjonijiet kredibbli kollha ta'* **refoulement** *u ta' vjolenza mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-fruntieri.*

Fir-Rapport tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali, l-FRA esprimiet tħassib serju dwar l-intimidazzjoni tal-ħaddiema umanitarji u tal-voluntiera li jappoġġjaw lill-migranti f'sitwazzjoni irregolari. Minbarra atturi oħra, għadd ta' Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkundannaw tali prattiki, filwaqt li nnotaw li dawn iħallu effett disważiv fuq ix-xogħol tal-NGOs. Din it-tendenza kompliet fl-2018, filwaqt li mmirat kemm lejn il-bastimenti tas-salvataġġ li ġew skjerati mis-soċjetà ċivili fil-Mediterran, kif ukoll lejn il-voluntiera u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fl-UE.

**L-opinjoni tal-FRA 6.2**

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jevitaw azzjonijiet li b'mod dirett jew indirett jiskoraġġixxu appoġġ umanitarju li jgħin lill-migranti u lir-rifuġjati fil-bżonn, u għandhom isegwu r-rakkomandazzjonijiet rilevanti maħruġa mill-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE għandhom ineħħu r-restrizzjonijiet imposti fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiskjeraw bastimenti tas-salvataġġ fil-Baħar Mediterran.*

L-UE tippjana l-ħżin madwar l-UE tad-*data* personali — inkluża d-*data* bijometrika — tal-barranin kollha fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. Dan jinkludi d-*data* tad-detenturi ta' permessi ta' residenza fit-tul. Id-*data* tagħhom bħalissa tinħażen biss fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri li qed jgħixu fihom. Jekk id-*data* personali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom rabtiet qawwija mal-UE tinħażen f'sistema mifruxa mal-UE kollha, dan iwassal biex dawn jiġu ttrattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fl-UE għal żmien temporanju biss — pereżempju għal skopijiet ta' turiżmu, studju jew negozju. Dan imur

kontra l-idea ta' soċjetà inklużiva li twassal biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu fl-UE verament jiġu integrati. Iċ-ċentru tal-ħajja ta' ħafna detenturi ta' permessi ta' residenza qiegħed fl-UE, fejn dawn qed jgħixu fuq bażi permanenti.

### L-opinjoni tal-FRA 6.3

*L-UE għandha tevita l-ipproċessar mifrux fl-UE fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tad-**data** personali ta' detenturi ta' permessi ta' residenza li ċ-ċentru tal-ħajja tagħhom qiegħed fl-UE. Id-**data** tagħhom għandha tiġi pproċessata fis-sistemi nazzjonali, b'mod simili għaċ-ċittadini tal-UE.*

Madwar seba' Ewropej minn kull għaxra jqisu l-integrazzjoni tal-migranti — inklużi l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali — bħala investiment meħtieġ fit-tul kemm għall-individwi kkonċernati kif ukoll għall-pajjiż riċeventi. Bejn l-2015 u l-2017, aktar minn 1.4 miljun persuni rċevew protezzjoni internazzjonali fit-28 Stat Membru tal-UE. Il-persuni li jingħataw protezzjoni internazzjonali huma intitolati għal sett ta' drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (il-Konvenzjoni tal-1951), li hija inkorporata kemm fid-dritt primarju kif ukoll fid-dritt sekondarju tal-Unjoni. Skont ir-riċerka tal-FRA, f'sitt Stati Membri, il-proċeduri twal biex jinkisbu permessi ta' residenza għamluha diffiċli biex ir-rifuġjati jaċċessaw l-edukazzjoni u l-impjieg, li affettwa b'mod negattiv is-saħħa mentali tagħhom, u li jista' jżid il-vulnerabbiltà tagħhom għall-isfruttament u r-reati. L-evidenza tal-FRA turi wkoll li r-rifuġjati jiffaċċjaw riskji li jibqgħu mingħajr dar wara li jirċievu l-protezzjoni internazzjonali.

### L-opinjoni tal-FRA 6.4

*L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-persuni li jingħataw il-protezzjoni internazzjonali jgawdu b'mod sħiħ id-drittijiet li huma intitolati għalihom skont il-Konvenzjoni tal-1951, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u d-dritt rilevanti tal-Unjoni, sabiex titrawwem l-integrazzjoni ta' suċċess tagħhom fis-soċjetà ospitanti.*

# 7 Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad-data

***Fl-2018, aħbarijiet ta' abbużi tad-data personali fuq skala kbira qajmu tħassib u sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa għal salvagwardji b'saħħithom tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data. Dan issottolinja l-importanza tal-isforzi tal-leġiżlaturi f'dan il-qasam — bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), li sar applikabbli f'Mejju — kif ukoll ir-rwol ewlieni tal-informaturi u tas-soċjetà ċivili. Sadanittant, il-Kunsill tal-Ewropa kien miftuħ għall-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni modernizzata 108, u l-espansjoni globali tal-Konvenzjoni 108 baqgħet għaddejja, fejn sa tmiem l-2018 laħqet total ta' 53 Stat Parti. Iż-żewġ testi jipprovdu lill-individwi qafas legali msaħħaħ biex jiġu protetti d-drittijiet tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali tagħhom. Tali oqfsa legali huma essenzjali b'mod speċjali meta t-teknoloġiji li jkunu qed jevolvu b'rata mgħaġġla jġibu magħhom kemm opportunitajiet ekonomiċi kif ukoll sfidi legali. Madwar l-UE, l-Istati Membri daħlu f'tellieqa tal-intelliġenza artifiċjali biex jiżguraw li l-industrija u s-swieq tax-xogħol ikunu f'qagħda tajba għall-kompetittività tal-futur — filwaqt li xi drabi jħallu d-drittijiet fundamentali fuq il-marġni tad-dibattiti. Fl-aħħar nett, u bħal fis-snin preċedenti, il-protezzjoni tad-data fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi baqgħet prijorità tal-aġenda, fejn il-Kummissjoni Ewropea pproponiet regoli ġodda għall-kisba transkonfinali tal-evidenza elettronika. Madankollu, ma kien hemm l-ebda żvilupp fil-livell tal-UE dwar iż-żamma tad-data: ma ġiet proposta l-ebda inizjattiva tal-UE li kellha tikkonforma mas-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal- Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tal-2014 u tal-2016.***

Fl-2018, il-Kunsill tal-Ewropa aġġorna l-qafas legali tiegħu dwar il-protezzjoni tad-*data* bl-adozzjoni tal-Konvenzjoni modernizzata 108. Sadanittant, l-espansjoni globali tal-Konvenzjoni oriġinali 108 baqgħet għaddejja, fejn 53 pajjiż kienu marbuta b'dik il-konvenzjoni sal-aħħar tas-sena. Fl-UE, il-GDPR sar applikabbli, l-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, u ġew adottati regoli riveduti dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-UE. Madankollu, l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika kienet għadha pendenti. Ir-regolament propost jikkonċerna d-dritt għall-privatezza fil-komunikazzjonijiet elettroniċi; huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-qafas legali tal-UE jiġi aġġornat u li dan jiġi allinjat mal-GDPR, speċjalment fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda.

Anki b'diversi strumenti eżistenti u ġodda fis-seħħ, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* baqgħu sfida, bħalma baqgħet sfida l-ġlieda kontra l-abbużi ta' dawn ir-regoli mill-istituzzjonijiet pubbliċi u privati. Il-korpi kkwalifikati tas-soċjetà ċivili spiss jinsabu f'pożizzjoni aħjar miċ-ċittadini ordinarji biex jagħtu bidu għal proċedimenti li jiskattaw setgħat imsaħħa tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*. Madankollu, ftit Stati Membri biss għandhom korpi kkwalifikati li għandhom is-setgħa li jressqu lmenti mingħajr mandat espliċitu minn suġġett tad-*data*.

**L-opinjoni tal-FRA 7.1**

*L-Istati Membri tal-UE għandhom iħeġġu l-involviment effettiv ta' organizzazzjonijiet ikkwalifikati tas-soċjetà ċivili fl-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-**data**, billi jipprovdu l-bażi ġuridika meħtieġa biex tali organizzazzjonijiet iressqu lmenti fir-rigward ta' ksur tal-protezzjoni tad-**data** b'mod indipendenti mill-mandat ta' suġġett tad-**data**.*

L-informaturi huma kruċjali biex jgħinu jiżguraw li l-ksur tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza jirriżulta f'rimedji effettivi, kemm bili jagħtu twissija ta' ksur potenzjali jew billi jippreżentaw evidenza importanti matul l-investigazzjonijiet. Dawn jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku

u għad-deterrenza ta' ksur serju u kbir tad-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* li altrimenti kienu jibqgħu ma jiġux żvelati fi ħdan l-organizzazzjonijiet. L-FRA rrakkomandat protezzjoni msaħħa għall-informaturi fir-rapport tagħha dwar is-sorveljanza mis-servizzi tal-intelligence. Madankollu, ftit Stati Membri għandhom regoli speċifiċi fis-seħħ biex jipprovdu protezzjoni effettiva kontra r-ritaljazzjoni. F'April 2018, il-Kummissjoni pproponiet direttiva dwar il-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni.

### L-opinjoni tal-FRA 7.2

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jipprovdu protezzjoni effettiva tal-informaturi, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-konformità effettiva tan-negozji u tal-gvernijiet mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-**data**.*

Minkejja l-annullament tal-QĠUE tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-*Data* (Direttiva 2006/24/KE) lura fl-2014 u s-sentenzi rilevanti fil-qasam, l-UE għadha ma adottatx leġiżlazzjoni dwar iż-żamma tad-*data*. Konsegwentement, is-sitwazzjoni fl-Istati Membri tibqa' waħda li tvarja ħafna, b'mod partikolari fejn tidħol il-leġiżlazzjoni. Xi Stati Membri għamlu sforzi biex jallinjaw il-leġiżlazzjoni tagħhom mas-sentenzi tal-QĠUE. Stati Membri oħra m'għamlu l-ebda bidla notevoli fil-leġiżlazzjoni tagħhom. Id-deċiżjoni tal-QĠUE fil-kawża *Tele 2 u Watson* tikkonferma li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola ż-żamma tad-*data* u l-aċċess għal skopijiet ta' sigurtà kriminali u pubblika taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva preċedenti dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE). Tali leġiżlazzjoni nazzjonali m'għandhiex timponi skema taż-żamma tad-*data* ġenerali u indiskriminata, u għandha tinkludi salvagwardji proċedurali u sostanzjali fir-rigward tal-aċċess għad-*data* miżmuma. Jekk l-Istati Membri jżommu l-leġiżlazzjoni nazzjonali li ġiet adottata biex tinkorpora d-Direttiva preċedenti dwar iż-Żamma tad-*Data* (Direttiva 2006/24/KE), jew leġiżlazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-QĠUE, dawn għandhom ir-riskju li jdgħajfu r-rispett taċ-ċittadini tal-UE għad-drittijiet fundamentali u ċ-ċertezza tad-dritt madwar l-Unjoni.

### L-opinjoni tal-FRA 7.3

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jallinjaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar iż-żamma tad-**data** mad-deċiżjonijiet tal-QĠUE, u jevitaw iż-żamma ġenerali u indiskriminata tad-**data** mill-fornituri tat-telekomunikazzjoni. Il-liġi nazzjonali għandha tinkludi kontrolli tal-proporzjonalità stretti kif ukoll salvagwardji proċedurali xierqa sabiex din tiggarantixxi b'mod effettiv id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-**data** personali.*

L-iżviluppi riċenti fl-oqsma tal-intelliġenza artifiċjali u l-big data wasslu għal għadd kbir ta' inizjattivi ta' politika bl-għan li jiżdiedu kemm jistgħu l-benefiċċji ekonomiċi tat-teknoloġiji l-ġodda. Fl-istess waqt, ħafna inizjattivi minn diversi korpi nazzjonali u internazzjonali jiddiskutu l-implikazzjonijiet etiċi, u b'mod inqas ta' spiss l-implikazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem bl-għan li jressqu linji gwida u liġi mhux vinkolanti. Ħafna Stati Membri u ta' istituzzjonijiet tal-UE bdew iħejju strateġiji nazzjonali dwar l-intelliġenza artifiċjali.

### L-opinjoni tal-FRA 7.4

*Peress li approċċ ibbażat fuq id-drittijiet biss jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni kontra l-użu ħażin possibbli ta' teknoloġiji ġodda u l-għemil ħażin meta dawn jintużaw, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu d-drittijiet fundamentali fil-qalba tal-istrateġiji nazzjonali dwar l-IA u l-big data. Tali strateġiji għandhom jinkorporaw l-għarfien mill-esperti f'diversi dixxiplini bħal avukati, xjenzjati soċjali, statistiċi, xjenzjati tal-kompjuter u esperti fil-livell tas-suġġett. L-etika tista' tikkomplementa approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, iżda m'għandhiex teħodlu postu.*

# 8 Id-Drittijiet tat-Tfal

***Wieħed minn kull erbat itfal fl-Unjoni Ewropea jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, minkejja t-tendenza li qed titjieb bil-mod favur it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal. Madankollu, mhux it-tfal kollha jibbenefikaw minn din il-bidla fit-tendenza. It-tfal b'ġenituri li twieldu barra mill-UE jew li għandhom nazzjonalità barranija għandhom probabbiltà akbar li jkunu foqra. L-għadd ta' tfal migranti u tfal li jfittxu l-asil li jidħlu fl-UE reġa' naqas fl-2018. Madankollu, f'ċerti Stati Membri, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza — inkluż l-użu tad-detenzjoni tal-immigrazzjoni — baqgħu problema serja. Fl-2018, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal adotta l-ewwel deċiżjonijiet tiegħu dwar l-ilmenti individwali kontra l-Istati Membri, fil-biċċa l-kbira tagħhom b'rabta mas-sitwazzjoni u t-trattament tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni. L-Istati Membri damu ma inkorporaw fil-liġi nazzjonali d-Direttiva (UE) 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, li se tidħol fis-seħħ f'Ġunju 2019. Ftit minnhom allinjaw il-leġiżlazzjoni tagħhom biex taqbel mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.***

Minkejja tendenza li kienet qed tonqos f'dawn l-aħħar ħames snin, il-faqar fost it-tfal fl-UE għadu jippersisti. Wieħed minn kull erbat itfal jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Dan iqajjem tħassib dwar ir-rispett tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jgħid li "[i]t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom". Mill-2016, f'kuntrast mat-tendenza ġenerali, is-sitwazzjoni għat-tfal bi sfondi migranti marret għall-agħar, fejn żdiedet l-inugwaljanza bejnhom u bejn it-tfal tal-popolazzjoni ġenerali, kif turi l-aktar *data* riċenti tal-Eurostat. Sadanittant, il-kunsiderazzjonijiet dwar il-faqar fost it-tfal prattikament huma neqsin mis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Dan iwassal għar-riskju li l-faqar fost it-tfal ma jitqiesx biżżejjed meta jkunu qed jitqassmu l-fondi pubbliċi, inkluż il-finanzjament mill-UE. Żvilupp pożittiv fl-2018 kien il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li t-tfal jiġu inklużi fost il-benefiċjarji potenzjali tal-azzjonijiet bl-għan li tiġi promossa l-inklużjoni soċjali fil-kuntest tal-Fond Soċjali Ewropew+ fil-perjodu ta' finanzjament il-ġdid mill-UE 2021–2027. Minbarra din l-ispinta pożittiva, qed isiru sforzi biex tiġi promossa u sostanzjata l-proposta fit-tul tal-Parlament Ewropew għal Skema Ewropea ta' Garanzija tat-Tfal għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Id-diskussjonijiet u l-azzjonijiet biex jiġi miġġieled il-faqar fost it-tfal ukoll huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-SDGs. L-SDGs jagħmlu parti mill-Aġenda globali 2030, li tistabbilixxi l-qafas ta' politika għall-iżvilupp sostenibbli globali, u huma bbażati fuq l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-rigward, l-SDG 1 jitlob li sal-2030 il-faqar jitnaqqas bin-nofs, inkluż il-faqar fost it-tfal.

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-UE diġà ssottomettew l-ewwel rapport nazzjonali volontarju dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs, bħala parti mill-proċess ta' rieżami annwali li jsir kull sena fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, għadd kbir minn dawn ir-rapporti ma jinkludu l-ebda referenza għall-faqar fost it-tfal, jew referenzi limitati ħafna.

## L-opinjoni tal-FRA 8.1

*Il-prijoritajiet ta' finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri għandhom jirriflettu l-ħtieġa li l-faqar fost it-tfal jitnaqqas fil-livelli mmirati mill-għan ta' żvilupp sostenibbli dwar il-faqar (SDG 1), bl-għan li jiġi ssodisfat l-aħjar interess tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Biex jiksbu dan, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jallokaw biżżejjed riżorsi biex jiġġieldu kontra l-faqar fost it-tfal billi jużaw l-għodod kollha disponibbli, inkluża l-Iskema Ewropea ta' Garanzija tat-Tfal għat-tfal li jkunu f'sitwazzjoni vulnerabbli, jekk din tkun stabbilita. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikomplu jinkludu l-kunsiderazzjonijiet dwar il-faqar fost it-tfal fil-fażijiet kollha tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, meta jitqies l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-użu tal-Finanzjament mill-UE.*

*Fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-SDGs, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw biex fir-rapporti ta' rieżami nazzjonali volontarji tagħhom jinkludu referenzi speċifiċi*

*għall-politiki nazzjonali u* **data** *aktar komprensiva dwar il-faqar fost it-tfal, kif ukoll kwalunkwe riżultat tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-politiki rilevanti.*

L-għadd ta' tfal migranti li jidħlu fl-Ewropa kompla jonqos. Fl-2018 applikaw madwar 150,000 tifel u tifla għall-asil, meta mqabbel ma' madwar 200,000 fl-2017 u kważi 400,000 fl-2016. Id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza tipprevedi għadd ta' garanziji għat-tfal li jkunu qed ifittxu l-asil, bħall-evalwazzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza ta' persuni vulnerabbli (Artikolu 22), il-ħatra ta' rappreżentant f'każ li l-minorenni ma jkunux akkompanjati (Artikolu 24), l-istabbiliment ta' ċerti kundizzjonijiet meta tkun qed tintuża d-detenzjoni tal-immigrazzjoni (Artikolu 11), u l-aċċess għall-edukazzjoni (Artikolu 14), it-taħriġ vokazzjonali (Artikolu 16) u l-impjiegi (Artikolu 15). L-għadd aktar baxx ta' tfal għen lil ċerti Stati Membri, iżda mhux lil kollha, jipprovdu faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati għat-tfal. Xi drabi dawn ma pprovdewx lanqas il-ħtiġijiet bażiċi, bħall-ilma u s-sanitazzjoni. L-Istati Membri komplew iżommu l-immigranti tfal, minkejja d-diskussjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-limitazzjoni tad-detenzjoni tat-tfal għall-iqsar żmien possibbli.

### L-opinjoni tal-FRA 8.2

*Fil-kuntest tal-migrazzjoni, l-Istati Membri tal-UE, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza, għandhom jipprovdu lit-tfal abitazzjoni adegwata bażika, rappreżentazzjoni legali, aċċess għall-iskola u edukazzjoni ulterjuri. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi biex jiżviluppaw alternattivi mhux ta' kustodja għad-detenzjoni.*

Ħafna Stati Membri tal-UE għadhom fil-proċess li jabbozzaw jew japprovaw leġiżlazzjoni ġdida jew emendi għall-oqfsa leġiżlattivi eżistenti biex jinkorporaw id-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali. Id-direttiva tiggarantixxi salvagwardji proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali. L-Istati Membri għandhom jinkorporaw id-direttiva fil-liġi nazzjonali sal-11 ta' Ġunju 2019. Fil-kuntest ta' proċedimenti tal-ġustizzja tal-minorenni, it-tfal għandhom id-dritt li jkunu infurmati u li jinstemgħu b'mod adatt għall-minorenni, bil-provvista ta' għajnuna legali u miżuri li jipproteġu l-privatezza, kif jirrikjedu diversi artikoli tad-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali. L-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt għadu tħassib kbir li r-riċerka ffinanzjata tal-FRA u tal-Kummissjoni Ewropea identifikat. Xi drabi jinħolqu sfidi prattiċi minħabba l-limitazzjonijiet differenti tal-età bejn l-Istati Membri, il-provvista tal-għajnuna legali skont ir-rekwiżiti relatati mal-introjtu, jew is-setgħat diskrezzjonali tal-atturi ġudizzjarji.

### L-opinjoni tal-FRA 8.3

*Fil-proċess tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu l-limitazzjonijiet tal-età jew kundizzjonijiet oħra li fil-prattika jistgħu jxekklu l-aċċess effettiv tat-tfal għal ċerti garanziji proċedurali. L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw ukoll jipprovdu għajnuna legali lit-tfal kollha mingħajr kundizzjonijiet, inkluża rappreżentanza legali mingħajr ħlas matul il-proċedimenti, u li jkun hemm avukati speċjalizzati disponibbli.*

# 9 Aċċess għall-ġustizzja inklużi d-drittijiet tal-vittmi ta' kriminalità

***L-indipendenza ġudizzjarja hija element importanti tal-istat tad-dritt. L-isfidi għal din l-indipendenza komplew jiżdiedu, li enfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni effettiva tal-isforzi f'dan il-qasam. Dan heġġeġ lill-Parlament Ewropew jissottometti, għall-ewwel darba, sejħa lill-Kunsill għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, u lill-Kummissjoni Ewropea tissottometti proposta għal regolament li jindirizza, minn perspettiva baġitarja, in-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt. Madwar żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE adottaw leġiżlazzjoni biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li żiedet is-salvagwardji marbuta mal-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Konvenzjoni ta' Istanbul tiddefinixxi l-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, l-UE kompliet il-proċess li tirratifika l-istrument.***

L-UE u korpi internazzjonali oħra komplew jiffaċċjaw sfidi dejjem akbar fil-qasam tal-ġustizzja fil-livell nazzjonali fl-2018, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja. Ġudikatura indipendenti hija l-pedament tal-istat tad-dritt u tal-aċċess għall-ġustizzja (l-Artikolu 19 tat-TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE). Minkejja l-isforzi kontinwi tal-UE u ta' atturi internazzjonali oħra, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'xi Stati Membri tal-UE — speċjalment f'termini tal-indipendenza ġudizzjarja — ikkawżat tħassib dejjem akbar. Pereżempju, għall-ewwel darba fl-istorja tal-UE, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kunsill jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE (determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE), u lill-Kummissjoni Ewropea tissottometti proposta għal regolament li jindirizza, minn perspettiva baġitarja, nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt. Tali nuqqasijiet jinkludu theddid għall-indipendenza tal-ġudikatura; deċiżjonijiet arbitrarji jew illegali mill-awtoritajiet pubbliċi; disponibbiltà u effettività limitati tar-rimedji legali; nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi; u limitazzjonijiet fuq l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni effettiva ta' ksur tal-liġi, jew sanzjonijiet għal dan.

### L-opinjoni tal-FRA 9.1

*L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġa jkomplu jsaħħu l-isforzi u l-kollaborazzjoni tagħhom biex iżommu u jsaħħu ġudikaturi indipendenti, komponent essenzjali tal-istat tad-dritt. L-isforzi eżistenti għandhom jiżdiedu biex jiġu żviluppati kriterji u valutazzjonijiet kuntestwali biex imexxu lill-Istati Membri tal-UE b'mod regolari u komparattiv biex dawn jirrikonoxxu u jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni possibbli relatata mal-istat tad-dritt. Tali valutazzjonijiet regolari jkunu strumentali wkoll fil-kuntest tar-regolament propost tal-UE li għandu l-għan li jindirizza n-nuqqasijiet ġenerali fir-rigward tal-istat tad-dritt. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati tal-UE għandhom jieħdu azzjoni fuq rakkomandazzjonijiet bħal dawk maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-proċedura tagħha tal-Qafas tal-Istat tad-Dritt, kif ukoll skont il-proċess tal-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika, biex jiżguraw konformità mal-istat tad-dritt.*

L-iżviluppi pożittivi fl-2018 inkludew aktar Stati Membri tal-UE li adottaw leġiżlazzjoni biex jimplimentaw id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE). L-evidenza fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri turi li l-vittmi għadhom jiffaċċjaw ostakli biex jirrapportaw reati u li d-drittijiet tagħhom ma jiġux implimentati b'mod effettiv f'livelli differenti, inklużi l-aspetti proċedurali. F'għadd ta' Stati Membri kien hemm żviluppi pożittivi li kellhom l-għan li jipprevjenu vittimizzazzjoni ulterjuri jew sekondarja. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li fiha huwa kkritika l-Kummissjoni talli naqset milli tippreżenta r-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva f'konformità mal-Artikolu 29 tad-direttiva.

## L-opinjoni tal-FRA 9.2

*L-Istati Membri tal-UE għandhom ikomplu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw b'mod effettiv id-drittijiet tal-vittmi bl-għan li jiżguraw is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet tagħhom, l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ xierqa u r-rimedji effettivi disponibbli għall-vittmi kollha ta' reati.*

Fl-2018, l-Unjoni Ewropea ħadmet biex tirratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul). Tliet Stati Membri oħra tal-UE rratifikawha, biex l-għadd totali ta' Stati Membri li rratifikaw il-konvenzjoni sal-aħħar tal-2018 tela' għal 20. Meta wieħed jiġi biex jiddetermina l-istandards Ewropej għall-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza, il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar punt importanti ta' referenza. B'mod partikolari, l-Artikolu 36 jobbliga lill-Istati Parti jikkriminalizzaw kull att sesswali mhux konsenswali u jadottaw approċċ li jenfasizza u jsaħħaħ l-awtonomija sesswali mingħajr kundizzjonijiet ta' persuna. Fl-2018, xi Stati Membri ħadu miżuri biex jallinjaw il-leġiżlazzjoni tagħhom ma' dan ir-rekwiżit tal-konvenzjoni.

## L-opinjoni tal-FRA 9.3

*L-Istati Membri kollha tal-UE li s'issa ma rratifikawx il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u l-UE nnifisha huma mħeġġa jagħmlu dan. L-FRA tħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-protezzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jikkunsidraw il-kriminalizzazzjoni tal-atti sesswali mhux konsenswali kollha, kif stabbilit fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul.*

# 10 Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

***Għaxar snin wara li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) daħlet fis-seħħ, il-konvenzjoni laħqet ratifika mill-Istati Membri kollha fl-2018. Fil-livell tal-UE, il-ftehim provviżorju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà propost immarka stadju importanti fl-azzjoni biex tiġi implimentata s-CRPD. Minbarra passi biex jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fl-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–27, dan wera kif is-CRPD qed tinfluwenza d-dritt u l-politika tal-Unjoni f'modi konkreti. Fil-livell nazzjonali, kien għad hemm nuqqasijiet kemm fl-implimentazzjoni kif ukoll fil-monitoraġġ tas-CRPD. Madankollu, l-inizjattivi f'għadd ta' Stati Membri biex il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom jiġu involuti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet indikaw progress gradwali biex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-CRPD.***

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) jaqdu rwol importanti fl-appoġġ ta' sforzi nazzjonali sabiex jinkiseb għajxien indipendenti. Ir-regolamenti proposti għall-perjodu ta' finanzjament 2021-27 jinkludu garanziji importanti dwar id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-hekk imsejħa kundizzjonijiet abilitanti u r-rwol aktar b'saħħtu għall-kumitati ta' monitoraġġ. Is-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità u l-korpi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, jistgħu jaqdu rwol importanti fil-monitoraġġ effettiv tal-użu tal-fondi.

L-opinjoni tal-FRA 10.1

*L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità inkorporati fis-CRPD u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiġu rrispettati bis-sħiħ sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) biex jappoġġjaw l-għajxien indipendenti. F'dan ir-rigward, il-leġiżlatur tal-UE għandu jadotta l-kundizzjonijiet abilitanti l-ġodda li jistabbilixxu l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u tas-CRPD, kif stabbilit fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li ġie propost mill-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027.*

*Sabiex ikun hemm monitoraġġ effettiv tal-fondi u tal-eżiti tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu passi biex jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità u l-korpi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-FSIE. L-allokazzjoni ta' riżorsi umani u ta' finanzjament adegwat għal dawn l-organizzazzjonijiet u l-korpi, u l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-UE għal dak il-għan se jżidu l-effiċjenza tal-kundizzjonijiet abilitanti proposti.*

L-UE u ħafna Stati Membri ħadu passi biex il-persuni b'diżabilità jiġu involuti fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet u tal-politiki, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 4(3) tas-CRPD. Madankollu, il-persuni b'diżabilità spiss għadhom ma jiġux ikkonsultati jew involuti b'mod attiv, kif tirrikjedi l-konvenzjoni. Nuqqas ta' strutturi formali biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sistematika, kif ukoll nuqqas ta' kapaċità umana u finanzjarja għall-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu għall-esklużjoni tal-persuni b'diżabilità mit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-isforzi biex tiġi implimentata l-konvenzjoni.

### L-opinjoni tal-FRA 10.2

*L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE għandhom jinvolvu mill-qrib il-persuni b'diżabilità, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għal dan il-għan, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom isaħħu l-involviment tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità (DPOs), inkluż billi jwaqqfu korpi konsultattivi. Ir-rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità għandhom ikunu membri sħaħ ta' tali korpi, fuq bażi ugwali bħal membri oħra, u għandu jkollhom aċċess għar-riżorsi meħtieġa biex il-parteċipazzjoni tagħhom tkun sinifikanti.*

Sitt Stati Membri u l-UE għadhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD, li jippermetti lill-individwi jressqu lmenti lill-Kumitat tas-CRPD u lill-kumitat li jagħti bidu għal inkjesti kunfidenzjali malli jirċievi "informazzjoni affidabbli li tindika ksur gravi jew sistematiku" tal-konvenzjoni (Artikolu 6).

### L-opinjoni tal-FRA 10.3

*L-Istati Membri tal-UE li għadhom ma sarux parti għall-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD għandhom jikkunsidraw li jlestu l-passi meħtieġa biex jiżguraw ir-ratifika tagħha biex tintlaħaq ratifika sħiħa u mifruxa mal-UE kollha tal-Protokoll Fakultattiv tagħha. L-UE għandha tikkunsidra wkoll li tieħu passi rapidi biex taċċetta l-Protokoll Fakultattiv.*

Sal-aħħar tal-2018, Stat Membru wieħed biss kien għadu ma stabbilixxiex qafas biex jippromwovi, jipproteġi u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni, kif meħtieġ skont l-Artikolu 33(2) tas-CRPD. Madankollu, il-funzjonament effettiv ta' xi oqfsa eżistenti huwa mxekkel minn riżorsi insuffiċjenti, mandati limitati u nuqqas ta' żgurar ta' parteċipazzjoni sistematika tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll nuqqas ta' indipendenza skont il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

### L-opinjoni tal-FRA 10.4

*L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw l-allokazzjoni tal-oqfsa ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) tas-CRPD riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti u stabbli. Kif stabbilit fl-Opinjoni tal-2016 tal-FRA dwar ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 33(2) tas-CRPD fi ħdan kuntest tal-UE, dawn għandhom jiggarantixxu s-sostenibbiltà u l-indipendenza tal-oqfsa ta' monitoraġġ billi jiżguraw li jibbenefikaw minn bażi ġuridika soda għall-ħidma tagħhom. Il-kompożizzjoni u l-operazzjoni tal-oqfsa ta' monitoraġġ għandha tqis il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.*




Is-sena 2018 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019* tal-FRA jirrevedi l-iżviluppi prinċipali fl-UE bejn Jannar u Diċembru 2018, u jagħti deskrizzjoni tal-opinjonijiet tal-FRA dwar dawn. Filwaqt li jinnota kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li għad fadal, huwa jipprovdi intuwiti fil-kwistjonijiet ewlenin li jsawru d-dibattiti dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE.

Il-kapitolu ta' approfondiment ta' din is-sena jesplora l-interrelazzjoni bejn id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-bqija tal-kapitoli jiddiskutu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; asil u migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

## Aktar informazzjoni:

Għar-*Rapport tad-Drittijiet Fundamentali 2019* sħiħ tal-FRA — ara http://fra.europa.eu/en/publication/2019/fundamental-rights-report-2019

Ara wkoll pubblikazzjonijiet tal-FRA relatati:

- FRA (2019), *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019 — opinjonijiet tal-FRA*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2019/fundamental-rights-report-2019-fra-opinions (disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE)

- FRA (2019), "*Implementing the Sustainable Development Goals in the EU: a matter of human and fundamental rights*" (L-Implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-UE: kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2019/frr-2019-focus-sdgs-eu (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż)

Għal rapporti Annwali tal-FRA preċedenti fuq l-isfidi tad-drittijiet fundamentali u l-kisbiet fl-Unjoni Ewropea f'sena speċifika, ara: http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/annual-reports (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

FRA — L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11-1040 Vjenna — L-Awstrija
T +43 158030-0 — F +43 158030-699
fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019
© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2019
© Ritratti (fuq nett fix-xellug għal isfel nett fil-lemin): iStockphoto; L-Unjoni Ewropea; iStockphoto (Nos. 3 & 4); OSCE (Milan Obradovic); iStockphoto (Nru 6-10)
Print: ISBN 978-92-9474-676-4 ISSN 2467-2580 doi:10.2811/569727
PDF: ISBN 978-92-9474-674-0 ISSN 2467-2815 doi:10.2811/663

TK-AM-19-001-MT-C (print); TK-AM-19-001-MT-N (PDF)